MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

ID-DISA' LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 05**

**It-Tlieta, 15 ta' Ottubru 2024**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tlieta, 15 ta' Ottubru 2024 fis-3:30 ta' wara nofsinhar. Il-ħin tal-laqgħa ġie ffissat bi qbil unanimu bejn il-membri tal-Kunsill.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Thomas Mizzi – Sindku
Is-Sur Joseph Mercieca - Kunsillier
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmelo Micallef – Kunsillier

**Assenti:** Is-sinjura Ivana Mizzi – Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Loretta Cauchi – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti;**

Is-Sindku Thomas Mizzi ippresjeda l-laqgħa.

**5.1 Talba;**

5.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-03:30 ta' wara nofsinhar, bi qbil unanimu bejn il-membri intqagħlet it-talba tal-bidu.

**5.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

5.2.1 Inqrat l-email t'apoloġija li ntbgħatet minngħand is-sinjura Ivana Mizzi. Il-Kunsill aċċetta din l-apoloġija;

**5.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

5.3.1 Ġew ipprezentati u approvati il-Minuti Numru 4.



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT1110, Għawdex*
*Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

**5.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

5.4.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 04/2024 ghal perjodu ta' bejn it--12 ta' Settembru, 2024 u 1-15 ta' Ottubru, 2024 li tammonta għal €16,473.77 ġiet approvata u iffirmata. Ġiet iprezentata wkoll kopja tal-ispejjez relatati ma *Petty Cash* li saru matul ix-xahar.

**5.5.1 Preżentazzjoni ta l-ewwel kopji tal-ktieb "Mill-Album ta' Tfuliti fit-Triq tal-Għajn" lil ex-sindku u lil-awtur**

5.5.1 Il-ġimgħa l-oħra is-sindku atwali bgħat ittra lis- sur Saviour Borġ, ex-sindku u oħra lil Dr. Mario Saliba, l-awtur ta dan il-ktieb, li biha għamel stedina uffiċjali. Din l-stedina kienet biex qabel din il-laqgħa jingħataw b'mod uffiċjali l-ewwel kopji ta dan il-ktieb. L-istedina intlaqgħet minn Dr. Mario Saliba u dan ġie ipprezentat l-ewwel kopja tal-ktieb quddiem il-membri prezenti tal-kunsill ftit minuti qabel inbdiet din il-laqgħa. Is-sur Mario Saliba ingħata ukoll mitt (100) kopja ta dan il-ktieb skond il-ftehim li kien sar, liema ftehim kien seħħ qabel ma tnieda dan il-proġett. Il-kopji ta dan il-ktieb ser jitqassmu lir-residenti f' Jum il-Fontana. Il-kunsill atwali iddeċieda li tingħata kopja f'kull indirizz skond ir-reġistru elettorali.

**5.6.1 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

Is-Sindku għarraf lill-membri li:

5.6.1 Ser tintalab estensjoni lid-dipartiment peress li l-proġett ta taħt ir-railing kien ippjanat li kellu jkun lest. Ix-xogħol għadu fl-ewwel fazi u għalhekk ser tintalab estensjoni biex il-fondi ma jintilfux;

5.6.2 Dwar il-proġett tac-CCTV cameras: wara li dan il-kunsill kien ikonferma l-għazla hekk kif għalaq it-tender, issa sar kuntatt mal-kumpanija u fil-prezent beda l-proċess biex jiġi iffirmat il-kuntratt. Għal dan il-proġett ukoll ser tintalab estensjoni lid-dipartiment peress li l-kumpanija li rebħet t-tender ħadet ukoll tenders oħrajn f'Ghawdex u għalhekk ser tkun qed twettaq ix-xogħol fl-istess perjodu. Minn komunikazzjoni verbali bejn raprezentat tal-kumpanija u s-Segretarju ġiet infurmata li dan ix-xogħol għandu jitlesta fl-ewwel ġimgħat tas-sena d-dieħla;

5.6.3 Fuq il-proġett tal-Playing Field wara li stabilixxejna minn kien il-perit li kien responsabli għall-proġett u sar kuntatt miegħu biex nakwistaw iċ-ċertifikat tal-*Completion of Works*. Dan hu meħtieġ biex nibdew niġbru il-fondi mingħand il-LESA u mid-Dipartiment. F'dan il-proċess irridu nassiguraw ruħna li ma jkunx hemm *double funding* u dan l-ezercizju qed issir bħalissa qabel ma nibdew il-proċess biex nakwistaw il-fondi;

5.6.4 Għada b'kollaborazjoni mad-Dipartiment tal-Indafa ser issir ħasla fit-Triq il-Għajn. Din ser issir fuq *short notice* imma kien ilna gimgħat nitolbu li ssir u għalhekk ma kienx jista la jibdel id-data u anqas jinfurma lil membri minn ħafna qabel. Xtaq ukoll jinforma lil membri li illum sar tentattiv mid-dipartiment biex tinbidel id-data dan ma ġiex aċċetat minn naħħa tagħna peress li l-proċess kien kollu lest;

5.6.5 Jixtieq li fil-ġimgħat li gejjin norganizzaw *Team Building event* biex iservi bħala mezz li jaqgħadna bħala *team* wieħed u għadu ma sar xejn fuq dan ir-rigward minn mindu bdiet din il-leġislatura. Hu issuġerixxa li ssir qrib Jum il-Fontana biex tkun ukoll parti miċ-ċelebrazzjoni ta dak il-jum;

5.6.6 Li hu interessat li jibda jofri sesjonijiet ta *Keep Fit Sessions* lir-residenti fis-sala tal-Komunita li tkun miftuħa għal kullħadd. Sar qbil li naraw hawnx xi ħadd mir-raħal li jista imexxi dawn is-sesjonijiet u nakwistaw stimi minn persuni diversi u imexxu minn hemm;

5.6.7 Inġabru stimi biex jinxtara *weed cutter* biex inkun nistaw naqtaw il-ħaxix li għandna fil-ġnien tal-playing field u fuq il-belvedere. Dan il-cutter jiswa €425, il-kunsill qabel unanimament;

5.6.8 Kien hemm *trailer* li kien ilu abbandunat għal tlett snin fi Triq John Gaspard Le Merchant. Sid l-għalqa fejn kien ipparkjat dan it-*trailer* xtaq jibda jħammel u ma setax. Il-Puluzija, Transport Malta ma waslu imkien biex dan jitħarrek, għalhekk bdejna proċedura legali, u mxejna skond il-liġi b'avvizzi fuq gazetta tal-gvern, etc. It-*trailer* inġabar u issa ninsabu fl-aħħar fazi ta dan il-proċess u jekk sidu ma jiġbrux fiz-zmien stipulat u iħallas l-penali u spejjez relatati dan it-*trailer* jiġi skrepjat;

**5.7 Attivita – Autumn Funland;**

5.7.1 Ġie deċiz li issir laqgħa il-Ħamis 17 ta' Ottubru fis-6:00 pm biex jitqasmu ir-rwoli waqt din l-attivita u jiġi diskuss aktar fid-dettal kif ser ikunu imqasma l-stands, x'apparat ser ikun hemm bzonn, etc. Waqt din il-laqgħa ġew approvati l-stimi tal-apparat li ser jinġib mingħand l-*buzzy kids u l-messy tots* u li se jingħata *popcorn jew candy floss* lit-tfal li jattendu l-atttivita. Ġie ukoll deċiz li ser jinxtraw boroz zgħar ta-ħelu biex jingħataw bħala *reward* lil minn jirbaħ f'kull logħoba. Peress li waqt din l-attivita ser jitwera film fis-sala ġie ukoll deċiz li titqabbad persuna biex tnaddaf is-sala. F'din l-attivita ser ikun hemm l-grupp tal-Kummissjoni Zgħazagħ li ser ikun qed jarmaw u jieħdu ħsieb l-stands tal-logħob, il-film, etc Waqt din il-laqgħa sar qbil li r-residenti ta Triq ta Mulejja jiġu infurmati permezz ta ittra li t-triq waqt dan l-avveniment ser tkun magħluqa. ; Ġie *ukoll approvat li issir* promotion ta reklami fuq *Facebook;*

**5.8 Jum il-Fontana;**

5.8.1 Is-Sindku ikkonferma dak li kien sar qbil dwaru fil-laqgħat prċedenti, li din is-sena ser jiġi iċċelebrat is-Sibt 30 ta' Novembru, peress li fl-1 ta Diċembru ser tiġi iċċelebrata l-festa ta' San Andrija. Is-Sindku talab biex jiġu propost minn għand l-membri ideat fuq il-program u talab biex jiġu mresqa xi ideat sa ġimgħa mid-data tal-laqgħa. Bħala prezentatriċi, Mrs. Zammit avviċinat lis-sindku li hi lesta tipprezenta għall-aħħar darba din is-sena;

**5.9 Attivitajiet tal-Milied 2024;**

5.9.1 Ġie propost li din is-sena norganizzaw attivita għat-tfal qrib il-Milied. Il-ħsieb hu li din tkun attivita differenti bit-titlu ta "Cooking with Santa", fejn it-tfal ser ikunu qed jagħmlu l-*cookies* bl-għajnuna tal- *elves* fil-prezenza ta *Father Christmas*. Waqt il-ħin tat-tisjir jiġi organizzat logħob bħal *musical chairs,* etc u wara flimkien mal-pasti li jkunu sajru t-tfal jingħataw riġal zgħir. Għal din l-attivita, bi qbil unanimu, ser tiġi mitluba l-għajnuna minn naħħa tal-Kummissjoni Zgħazagħ u assistenza finanzjarja mingħand id-Direttorat għall-Wirt Kulturali;

**5.10 Laqgħa mal-Ministru għal-Għawdex u l-Ippjanar;**

5.10.1 Il-kunsill irċieva appuntament għal-laqgħa mitluba mal-ministru għal nhar l-Erbgħa 30 ta' Ottubru fil-11:30 ta filgħodu. Is-sindku ta konferma għal dan l-appuntament peress illi kien ilu jistenna u ma xtaqx li jerġa jitwal il-perjodu. Fuq l-aġenda bi prijorita assoluta hi Triq tal-Għajn izda jekk hemm xi punti oħra li l-membri jixtiequ irresqu waqt din il-laqgħa jistaw jibgħatu jew messaġġ fuq iċ-*chat* jew *email* ħalli nkunu preparati fuq il-punti li se nresqu;

**5.11 Gozo Action Group Foundation (GAGF);**

5.11.1 Wara li t-talba li għamilna tal-mod kif iproponenjna li ssiru l-pagamenti li għandna pendenti, il-board tagħhom ra li din ser tieħu fit-tul. L-arranġament li huma qed jipproponu hu biex il-pagamenti pendenti ta tlett elef ewro (€3,000) issir fuq żewġ pagamenti ta elf u ħames mitt ewro (€1,500) u dawn isiru wieħed din is-sena u l-ieħor is-sena d-dieħla. Wara diskusjoni sar qbil li dawn il-pagamenti isiru kif mitlub minn naħħa tal-GAGF;

## 5.12 Korrispondenza, ilmenti/suggerimenti;

5.12.1 F'korrispondenza il-kunsill irċieva għal darba oħra permez ta *email* minngħand Celestina Sciberras u li dwar it-tema diġa ġie diskussa fil-laqgħa li għaddiet. Is-segretarju bgħatet r-risposta kif kien deċiż fdik il-laqgħa. Is-sinjura Sciberras irrispondiet lura u irrimarkat illi is-sitwazjoni tagħhom qed tiġi insapportabli u li hi qed tistenna risposta mill aktar fis possibli. Is-Segretarju infurmat lill membri li hi personalment marret il-Lands Department u l-Lands Authority peress ili kull tentativ li sar b emails u telfonati ma waslu għall ebda risposta. Il-*Lands Registration Authority* tkellmet mal-manager u dan ikonferma illi dan l-isqaq – Sqaq L-Andar mhux irreġistrat. Minn riċerka li saret fil-korrispondenza tal-kunsill irrizulta li dan il punt u din l-istess talba diġa saret f'leġislaturi oħra. Il-kunsillier Horace Micallef għal darba oħra irrimarka illi l-uniku persuna li tista tagħtina dawl fuq din is-sitwazzjoni hu d-departiment tal-kunsilli. Is-Segretarju irrimakat illi wara li għamlet din it-talba lid-departiment hi ingħatat lista tat-toroq u sqaqien kollha li jinsabu fil-konfini tal-Fontana. Hi se terġa tagħmel l-istess talba lid-direttur ġenerali u tara jekk tingħatax aktar ċarezza u gwida. Bi qbil unanimu il-kunsill iddeċieda illi mingħajr din il-gwida minn naħħa tad-dipartiment l ebda kumment mhu se issir fuq it-talba tas-Sinjura Sciberras;

5.12.2 Issemma ukoll l-punt ta EPOS machine. Dan il-punt kien diġa approvat mill-kunsill tal-leġislatura ta qabel din, izda biex nipproċedu hemm bzonn konferma mill ġdid minn dan il-kunsill li ser ikun qed japplika għal dan is-servizz. Il-membri prezenti qablu unanimament;

5.12.3 Resident fi Triq John Gaspard Le Merchant għamlu rikjesta biex aħna inwaħħlu l-madum għal bankina ta dar antika li huma qed jirranġaw. Il-membri qablu li jekk aħna ser naghmlu l-bankina din trid issir bil-materjal tagħna biex nassiguraw ruħna li dan hu sigur u konformi;

5.12.4 B'referenza għal dak li ġie deċiz fil-laqgħa preċedenti, saret talba lil għaqda tal-armar biex naraw jistawx bil-prezz ikwotat jarmaw it-Triq tal-Għajn kollha. Dan ġie aċċetat minn naħħa tagħhom għalhekk nistaw nipproċedu;

5.12.5 Resident fi Triq Wied Siekel għamel talba biex dik il-parti tat-triq li fil prezent qeda *prohibited for any vehicles* tinbidel u issir *access for residents only.* Hu talab li fit-tarf tat-triq issir barrier bħal dak li bgħat mal-korrispondenza. Il-membri ikumentaw li dik hi *area* protetta peress li taqat taħt *Natura 2000* u għalhekk l ebda tibdil ma jista issir biex jingħata aċċess. Rigward il- *barriers* il-kunsill ġie infurmat illi barriers kien hemm u ġew maqlugħa biex resident ieħor jkun jista jaħdem u wara jerġa ipoġġihom lura f'posthom. Il-kunsill qabel li nibgħatu lil ħaddiem

jagħlaq l-barrier li hemm filwaqt li l-kunsill jiprova jerġa jikseb lura l-barrier l-ieħor ħalli jitpoġġa f'postu;

5.12.6 Resident ieħor ilmenta li għandu razzett f' Wied Siekel u kien hemm bozza fit-triq li kienet tagħti d-dawl ġor-razzett li din inqalgħet. Minn informazzjoni li kised il-kunsill irrizulta li meta l-bozoz inqalbu għal LEDs kien hemm resident li għalaqha. Il-kunsill qabel li se jiċċekja dwarha ;

5.12.7 Illum il-kunsill irċieva invit għal kunsilliera kollha għaċ-ċelebrazzjoni ta Jum Għawdex. Dan ser issir il-Ħadd 27 ta' Ottubru, 2024;

5.12.8 Issemmiet korrispondenz li rċevejna biex nibggħatu rispons minn naħħa tagħna jekk aħniex disponibli li nagħtu l-vaċċin tal-influenz fil-lokalita. Is-sindku semma l-proċess u presjoni li saret mill-kunsilli varji biex nibqaw noffru dawn is-servizzi fil-komunita. Għalhekk jekk ikun hemm qbil, il-kunsill irrid iqabbad tabib biex jagħti dawn il-vaċċini. Il-kunsill qabel unanimament u ser ikun qed jipproċedi bil-proċess neċessarji biex joffri dan is-servizz;

5.12.9 Punt ieħor li semmiet is-segretarju kien dwar it-tiġdid tal- karta tal-Identita. Dan ukoll ser issir fir-raħħal tagħna, wara talba li saret biex jaraw aħna nixtiequx noffru is-sala tagħna biex dan issir dan il-proċess għar-residenti. Fil-prezent qed tinġabar l-informazzjoni mill-kunsilli u wara li isir pjan niġu nfrumati bid-dati ta meta se issir dan fir-raħal tagħna;

**5.13 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera;**

5.13.1 Il-kunsillier Carmelo Micallef ressaq suġġeriment li ssir *gate* fl-entratura tal-playing field (taħt l-arkata) biex tiproteġi lit-tfal milli joħorġu fit-triq mingħajr il-ġeneturi. Il-kunsill qabel u ser ikun qed jikseb stima;

5.13.2 Il-kunsillier Joseph Mercieca staqsa jekk baqax roti minn dawk li l-kunsill ingħata mingħand ir-Reġjun għax kellu talba minn student. Is-segretarju ikonferma li baqa waħda disponibli u l-persuna interessata tista tagħmel kuntat biex jibda l-proċess;

5.13.3 Il-kunsillier Joseph Mercieca resaq ilment li rċieva li waqt li qed ikun hemm it-tfal jistennew l-*bus* li twassalhom l-iskola xi nies li qed jipparkjaw ħdejn il-*bus stop* qed irreġġaw l-karozzi għal fuq it-tfal. Il-membri tal-kunsill ikonfermaw li f'distanza ta anqas minn 9 metri mis-sinjal ta *Bus Stop* wieħed ma jistax jipparkja għalhekk ma nistaw inwaħħlu ebda sinjal ta *No Parking;*

5.13.4 Il-kunsillier Joseph Mercieca fakkar il-membri dwar dak li kien deċiż li bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet ta Jum il-Fontana norganizzaw ħarġa għal familji f'Malta. Ġie deċiż li ssir nhar il-ħadd 24 ta' Novembru;

**5.14 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-04:45 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 12 ta' Novembru, 2024 fis- sitta ta' filgħaxija bi qbil unanimu u b'aġenda li tkun komunikata aktar 'l quddiem.

Konfermati, llum 12 ta' Novembru '24

Thomas Mizzi
Sindku

Loretta Cauchi
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA